# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**ILLUM, IL-ĦAMIS 14 TA' DIĊEMBRU 2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**VS**

**DONNA CAMILLERI U KYLE MIFSUD**

**Donna Camilleri ta' 37 sena, bint Victor Camilleri u Concetta Camilleri nee Caruana, imwielda il-Pieta' nhar il-5 t'Ottubru tas-sena 1986, residenti Blk 14, Bieb 1, Fl 15, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentriċi tal-karta tal-identita' numru 457586M**

U kif ukoll lil

**Kyle Mifsud ta' 31 sena, iben Carmel Mifsud u Charmaine Mifsud nee Pace, imwieled il-Pieta' nhar is-27 t'Awwissu tas-sena 1992, residenti 3, Barbara, Fl 1, Sqaq l-Iskoccizi, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 418892M**

1074/23

Il-Qorti

Rat li l-imputati Donna Camilleri u Kyle Mifsud gew akkuzati talli ġewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-tmintax (18) t'Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (03:00am) u l-ħamsa (05:00am) ta' filgħodu;

1. Ikkommettew serq ta' telefon ċellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-vjolenza u bil-ħin u liema serq sar għad-dannu ta' Saviour Borg u Rita Tabone u / jew ta' xi persuna/i oħra;

U aktar talli ġewwa Blk G, Ent D, Fl 8, Triq il-Qalb ta' Ġesu, Birgu u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar il-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (15:00pm) u l-ħamsa (17:00pm) ta' wara nofsinhar;

2. Ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq sar bi sgass ġewwa residenza privata u għalhekk hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq twettaq fuq persuna anzjana li għandha 'l fuq minn sittin (60) sena u ċioe' fuq Salvino Mangion;

Kyle Mifsud waħdugie akkuzat talli ġewwa dawn il-Gżejjer, nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), b'diversi atti magħmulin minnu;

3. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 1146 Andre Cilia, inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz;

U aktar talli fix-xhur ta' Dicembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), Jannar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u Frar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) ġewwa dawn il-gżejjer:

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Fr. Joseph Cini u Fr. Antoine Farrugia, liema ammont ta' hsara magħmula huwa ta' aktar minn ħames mitt Ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€5,000), u dan ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Iffalsifika ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew ħa l-kunsinna ta' oġġetti, jew ġabar depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

6. U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-Artikoli 166, 167 u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom, ċioe laqa' għandu muniti tal-flus misruqa bl-ammont totali ta' mitt Ewro u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tittratta liż-żewġ imputati bħala persuni li huma reċidivi b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qortigiet ġentilment mitkluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjoni tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet ġentilment mitkluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u / jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-partijiet leżi;

Semghet lill-imputati waqt l-ezami iwiegbu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil- confront taghhom

**Ikkunsidra**t li l-ammissjoni inghatat fi stadju bikri tal- proceduri

**Decide**

Ghadaqstant tikkundanna li
1)Donna Camilleri ghal dsatax(19)-il xahar habs effettiv
2) Kyle Mifsud ghal sentejn (2) u tlett(3) xhur habs effettiv

Li fil- konfront tat-tnejn tinhareg Ordni ta" Trattament ghal zmien sena ai termini tal-formola annessa.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**